**66. L-Onor. David Agius u l-Onor. Stephen Spiteri, jipproponu:**

Illi b'referenza għall-Avviż Legali numru 156 tal-2017 bl-isem '**Att dwar l-Impjiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali (Kap. 452)**', imqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra fis-26 ta' Ġunju 2017, dwar il-*Leave* ta' Prokreazzjoni Medikament Assistita huwa att b'għan tajjeb li jagħti *leave* imħallas lill-impjegati li jgħaddu mill-proċess ta' prokreazzjoni medikament assistita;

Filwaqt li tittieħed konjizzjoni li f'dan l-avviż legali d-definizzjonijiet ta' "ġenituri prospettivi" u "prokreazzjoni medikament assistita" huma differenti minn dawk li hemm fil-Liġi Maltija, l-Att dwar il-Protezzjoni tal-Embrijuni, Kapitolu 524 tal-Liġijiet ta' Malta;

Filwaqt li jiġi nnutat li waqt li avviż legali ma jiġix integrat fil-leġiżlazzjoni li jemenda, xorta waħda jimporta l-awtorità ta' liġi li qed tikkontradixxi l-Att dwar il-Protezzjoni tal-Embrijuni;

Għaldaqstant qed jiġi mitlub lil din il-Kamra biex taġevola l-koerenza legali, u qed jiġi propost li ssir emenda ta' dan l-avviż legali biex id-definizzjonijiet ta' "ġenituri prospettivi" u "prokreazzjoni medikament assistita" jkunu skont l-Att dwar il-Protezzjoni tal-Embrijuni.

04.10.2017

**Il-mozzjoni m'għaddietx fis-Seduta Nru 56 tat-22 ta' Novembru 2017.**